VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,323, 10 ta' Ottubru, 2014
Taqsima B

A.L. 376 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Probation Services taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:"

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Probation Services, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Probation Services, taħt il-patroċinju tal- Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 362 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (7) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (6) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(7) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jiksbu l-kwalifiki tagħhom skont kif stipulat fil-paragrafi (1) sa (3) ta' dan l-ordinament sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel."